



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 15 ta' Lulju 2005

10255/1/05

REV 1

CONCL 2

NOTA TA' TIFSIRA

minn: Presidenza

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSEL
16 u 17 TA' ĠUNJU 2005**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-delegazzjonijiet ser isibu meħmuża l-verżjoni riveduta tal-konklużjonijiet tal-Presidenza fl-okkażjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel (16 u 17 ta' Ġunju 2005).

1. Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew kienet preċeduta minn spjega mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Josep Borrell, segwita minn skambju ta' fehmiet.
2. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-iffirmar tat-Trattat ta' Adeżjoni fil-25 ta' April 2005 fil-Lussemburgu li jimmarka stadju importanti ġdid lejn l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea. Dawn il-pajjiżi issa jipparteċipaw fil-ħidma tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill u tal-korpi preparatorji tiegħu bħala osservaturi attivi.
3. Il-Kunsill Ewropew ifakkar ukoll fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 u t-18 ta' Ġunju 2004 u tas-16 u s-17 ta' Diċembru 2004 dwar it-tkabbir u jissottolinja l-ħtieġa li jiġu implimentati bis-sħiħ.
4. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-kwistjonijiet li ġejjin:
 - I Il-Perspettivi finanzjarji
 - II. Kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali (l-Istrateġija ta' Lisbona; l-iżvilupp sostenibbli)
 - III. Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (il-Programm ta' l-Aja; it-terroriżmu)
 - IV. Affarijiet Esterni
 - V. Diversi

I. IL-PERSPETTIVI FINANZJARJI

5. Il-Kunsill Ewropew iddispjaċih li ma kienx possibbli li jintlaħaq ftehim ġenerali dwar il-Perspettiva Finanzjarja f'dan l-istadju. Huwa ssottolinja l-ħtieġa għal ċarezza dwar ir-riżorsi disponibbli għall-Unjoni bħala sostenn għal-linji politiċi komuni tul il-perijodu ta' finanzjament futur, u impenja ruħu li jkompli jagħmel kull sforz biex jilħaq dan l-oġettiv. Huwa nnota li l-ħidma preparatorja magħmula b'mod kollettiv ippermettiet li l-ħidma fuq il-kwistjoni timxi 'l quddiem b'mod sinifikattiv. Huwa qabel li l-attenzjoni u l-momentum mogħtija lid-diskussjonijiet permezz tal-kaxxa ta' negozjar imfassla fuq l-inizjattiva tal-Presidenza jeħtieġu, b'mod partikolari, li jinżammu.

6. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Presidenza li jmiss biex tmexxi 'l quddiem dawn id-diskussjonijiet, billi tkompli fuq il-progress li sar s'issa, bil-ħsieb li tirriżolvi l-elementi kollha meħtieġa biex jintlaħaq ftehim ġenerali mill-aktar fis possibbli.

II. KWISTJONIJIET EKONOMIĊI, SOĊJALI U AMBJENTALI

L-iżvilupp sostenibbli

7. Fl-okkażjoni tar-rilanċ ta' l-Istrateġija ta' Lisbona f'Marzu 2005, il-Kunsill Ewropew ippreċiża li din l-istrateġija għandha titqies fil-kuntest usa' ta' l-iżvilupp sostenibbli li hu msejjes madwar il-preferenza li l-ħtiġijiet attwali jintlaħqu mingħajr ma' tiġi compromessa l-kapaċità ta' ġenerazzjonijiet futuri milli jilhqqu l-ħtiġijiet tagħhom.
8. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn tiegħu favur l-iżvilupp sostenibbli bħala prinċipju ċentrali għal-linji politiċi u l-azzjonijiet kollha ta' l-Unjoni. F'dan il-kuntest u abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew japprova d-“Dikjarazzjoni dwar il-prinċipji gwida ta' l-iżvilupp sostenibbli” (ara l-Anness I). Huwa jilqa' dan l-impetu ġdid u jfakkar li l-oġġettivi ċentrali u l-prinċipji gwida stabbiliti fid-dikjarazzjoni ser iservu bħala bażi għall-istrateġija ta' żvilupp sostenibbli mġedda li jkun fiha oġġettivi, indikaturi u proċedura effikaċi ta' monitoraġġ, li ser tiġi adottata jekk ikun possibbli qabel l-aħħar ta' l-2005.

Rilanċ ta' l-Istrateġija ta' Lisbona: sħubija għat-tkabbir u l-impjiegi

9. F'Marzu 2005, il-Kunsill Ewropew iġġudika li kien essenzjali li jkun hemm rilanċ mingħajr dewmien ta' l-Istrateġija ta' Lisbona u li l-prijoritajiet jiġu ffukati mill-ġdid fuq it-tkabbir u l-impjiegi. Biex jintlaħaq dan l-oġġettiv, huwa kkonkluda wkoll li kien neċessarju li jiġu mobilizzati r-riżorsi nazzjonali u Komunitarji kollha adatti - inkluża l-politika ta' koeżjoni - fit-tliet dimensjonijiet, dik ekonomika, soċjali u ambjentali ta' l-Istrateġija filwaqt li jiġu żviluppati s-sinerġiji bejniethom.

10. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew japprova l-Linji Gwida Integrati għat-Tkabbir u l-Impjiegi 2005-2008, komposti mil-Linji Gwida Ġenerali ta' Politika Ekonomika, li jiżguraw il-koerenza ekonomika ġenerali tat-tliet dimensjonijiet ta' l-istrateġija, u mil-Linji Gwida għall-Impjiegi. Huwa jilqa' dan l-ewwel riżultat li ħareġ mill-approċċ ġdid li ddefinixxa matul il-laqgħa tiegħu ta' Marzu 2005, u li jippermetti l-koordinazzjoni b'mod dinamiku u koerenti, skond il-proċeduri previsti fit-Trattat, abbażi tal-ħidma tal-formazzjonijiet kollha tal-Kunsill li huma kkonċernati mill-implimentazzjoni madwar erbgħa u għoxrin linja gwida integrati, kemm tal-politika makro-ekonomika, kif ukoll dik mikro-ekonomika u ta' l-impjiegi (ara l-Anness II).
11. Sabiex ikun segwit iċ-ċiklu ġdid ta' governanza ta' 3 snin, il-Linji Gwida Integrati għandhom issa jiġu riflessi, mill-Istati Membri, fid-dawl tal-kalendarju propost mill-Kummissjoni, fi programmi nazzjonali ta' riforma ambizzjużi, li jwieġbu għall-ħtiġijiet speċifiċi u s-sitwazzjoni partikolari tagħhom, u li jirriflettu dan l-approċċ integrat u koerenti fost il-linji politiċi makro-ekonomiċi, mikro-ekonomiċi u ta' l-impjiegi. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ser tippreżenta programm Komunitarju ta' Lisbona li jkopri l-azzjonijiet kollha li għandhom jitwettqu f'livell Komunitarju. Dawn il-programmi jirrappreżentaw strument indispensabbli għas-servizz tat-tkabbir u ta' l-impjiegi.

III. ŻONA TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

Il-Programm ta' L-Aja

12. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota b'sodisfazzjon ta' l-adozzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni tal-pjan ta' azzjoni li jimplementa l-Programm ta' L-Aja li għandu l-għan li jsaħħaħ iż-żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja. Dan il-Pjan jiżviluppa l-oġettivi tal-Programm ta' L-Aja f'miżuri konkreti. Minħabba l-importanza dejjem tikber tad-dimensjoni esterna taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, ser jiġi kompletat fl-aħħar tas-sena mill-istrateġija li l-Kunsill għandu jadotta fuq il-kwistjoni abbażi ta' proposta mis-SĠ/RĠ u mill-Kummissjoni.

13. Huwa essenzjali li l-Istati Membri jimplimentaw b'mod effettiv u qabel it-termini perentorji l-miżuri differenti adottati biex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jieħu nota ta' l-eżami li qed isir bħalissa mill-Kunsill tal-metodi ta' traspożizzjoni u ta' implimentazzjoni ta' l-Istati Membri tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-mandat ta' arrest Ewropew. Huwa ta' l-opinjoni li l-metodu ta' valutazzjoni għandu jiġi żviluppat b'mod ġenerali.
14. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-enfasi li sar fil-Pjan ta' Azzjoni fuq il-kooperazzjoni operattiva bejn id-diversi atturi involuti fis-sigurtà interna ta' l-Unjoni. F'dan ir-rigward, huwa jinnota n-natura aktar operattiva tal-ħidma reċenti tat-*Task Force* tal-Kapijiet ta' Pulizija, ta' l-Europol u ta' l-Eurojust u jilqa' l-bidu ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Amministrazzjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva mal-Fruntieri Esterni. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex jintensifika l-koordinazzjoni bejn dawn id-diversi atturi u bejn dawn u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.
15. Il-Kunsill Ewropew jaqbel li jivvaluta s-sitwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-Aja fit-tieni nofs ta' l-2006, b'mod konformi mad-deċiżjoni li ħa f'Novembru 2004.
16. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-droga (2005-2008) fil-qafas ta' l-Istrateġija kontra d-Drogi (2005-2012).

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu

17. Il-Kunsill Ewropew ħa nota tar-rapport tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' ġlieda kontra t-terroriżmu. Huwa jilqa' l-progress li sar fuq il-livell leġislattiv fil-qasam ta' l-iskambju ta' informazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija u tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Huwa jieħu nota wkoll tal-linji gwida definiti mill-Kunsill għat-tfassil ta' l-istrateġija dwar ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ ta' terroristi, u b'mod partikolari l-promozzjoni fil-livell nazzjonali tad-djalogu inter-reliġjuż, l-iffinalizzar ta' l-eżerċizzju ta' valutazzjoni bejn il-pari tad-disposizzjonijiet nazzjonali kontra t-terroriżmu kif ukoll l-iżvilupp tal-kapaċità ta' analiżi fi ħdan is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill. Fl-aħħarnett huwa jilqa' l-adozzjoni mill-Kunsill tad-dokument dwar l-implimentazzjoni tal-kwadru kunċettwali dwar il-PESD u t-terroriżmu.

18. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li hu jagħti għas-seħħ tal-progress fl-oqsma kollha tal-Pjan ta' Azzjoni ta' ġlieda kontra t-terroriżmu, b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett tat-termini perentorji ta' dħul fis-seħħ tal-miżuri kkunsidrati bħala ta' prijorità għall-effikaċja tal-glueda kontra t-terroriżmu, hekk kif deċiżi mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2004.
19. Il-Kunsill Ewropew jixtieq li l-punti li ġejjin jiġu ttrattati bħala ta' prijorità matul it-tieni nofs ta' l-2005:
- il-ħidma leġislattiva għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija u bejn il-ġudikaturi, b'mod partikolari, u kemm ikun possibbli, f'dak li jirrigwarda l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pulizija, il-mandat għall-kisba ta' evidenza, iż-żamma ta' *data* dwar traffiku ta' telekommunikazzjonijiet, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni fir-rigward tar-reati terroristiċi;
 - it-tkomplija fl-isforzi li jwasslu għal qsim aħjar ta' l-informazzjoni strateġika u operattiva bejn l-Istati Membri u bejn dawn u l-aġenziji u s-servizzi kompetenti ta' l-Unjoni, f'konformità mal-Programm ta' l-Aja;
 - it-tfassil ta' l-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni dwar ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ ta' terroristi fid-dawl tal-linji gwida definiti mill-Kunsill;
 - is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mill-eżerċizzju ta' valutazzjoni bejn il-pari tal-mekkaniżmi anti-terroristiċi nazzjonali;
 - it-tkomplija ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija dwar il-finanzjament tat-terroriżmu, b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' kodiċi ta' kondotta li jimpedixxi l-użu abbużiv ta' organizzazzjonijiet karitattivi kif ukoll bit-tisħiħ tal-proċeduri dwar l-iffriżar ta' assi;

- it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' protezzjoni ċivili, b'mod partikolari r-riżorsi mediċi disponibbli biex jiġi indirizzat attakk bioterroristiku, kif ukoll l-iżvilupp ta' kapaċità ta' reazzjoni rapida bbażata fuq il-moduli ta' protezzjoni ċivili ta' l-Istati Membri;
- it-tisħiħ tad-djalogu politiku dwar it-terroriżmu mal-pajjiżi terzi u tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, b'mod partikolari l-adozzjoni tal-Konvenzjoni ġenerali kontra t-terroriżmu internazzjonali fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti;
- l-iffinalizzar ta' programmi ta' assistenza lil ċerti pajjiżi terzi prijoritarji bil-għan li jiġu msaħħa l-mekkaniżmi anti-terroristiċi tagħhom u l-implimentazzjoni, f'dan ir-rigward, ta' *network* ta' esperti inkarigati biex iwieġbu għat-talbiet għal għajnuna teknika mill-pajjiżi terzi;
- il-miżuri ta' kooperazzjoni doganali għat-titjib tas-sigurtà tal-katina ta' forniment.

20. Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa l-progress miksub fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2005 u minn hemm jipproċedi għal reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' ġlieda kontra t-terroriżmu.

IV. AFFARIJET ESTERNI

Tħejija għas-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti ta' Settembru 2005

21. Il-Kunsill Ewropew iqis li s-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti ser ikun l-okkażjoni biex ikun affermat mill-ġdid l-appoġġ tagħna għan-NU bħala strument ta' relazzjonijiet internazzjonali bbażat fuq il-liġi. Huwa jiśhaq dwar l-appoġġ qawwi tiegħu għall-multilateraliżmu effikaċi u għall-proċess ta' riforma tan-Nazzjonijiet Uniti. Huwa jissottolinja li r-rapport li s-Segretarju Ġenerali ppreżenta fil-21 ta' Marzu 2005 u l-kontribut tal-President ta' l-Assemblea Ġenerali, datat 3 ta' Ġunju 2005, jikkostitwixxi bażi eċċellenti ta' ħidma, bil-ħsieb tad-dikjarazzjoni li għandha tiġi adottata, f'Settembru li ġej fi New York.

22. Il-Kunsill Ewropew jixtieq jesprimi l-ħajr tiegħu lis-Segretarju Ġenerali għan-natura eżawrjenti u koerenti tar-rapport tiegħu. Huwa ta' l-istess fehma tas-Segretarju Ġenerali dwar il-kunċett integrat tiegħu ta' sigurtà kollettiva u jappoġġa l-idea skond liema l-iżvilupp, is-sigurtà u d-drittijiet tal-bniedem huma interdipendenti u jsaħħu lil xulxin. Huwa jilqa' b'sodisfazzjon l-istrateġiji proposti fil-qasam ta' l-iżvilupp, tas-sigurtà, tad-drittijiet tal-bniedem, ta' l-istat tad-dritt u tad-demokrazija.
23. Il-Kunsill Ewropew jikkunsidra li huwa essenzjali li jintlaħaq riżultat bilanċjat u ambizzjuż li jippermetti riforma tan-NU sabiex jiġu ffaċċjati b'mod aktar konkret u effikaċi t-theddid u l-isfidi pluridimensjonali identifikati fir-rapport tas-Segretarju Ġenerali.
24. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-impenn ta' l-Unjoni Ewropea biex tfittex dialogu sostanzjali mal-pajjiżi membri kollha tan-NU bil-ħsieb tat-tħejjija tas-Summit.
25. L-Unjoni Ewropea hija favorevoli għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti u l-organizzazzjonijiet reġjonali, b'mod partikolari fl-okkażjoni tad-Dialogu fl-livell għoli bejn in-Nazzjonijiet Uniti u l-organizzazzjonijiet reġjonali li ser jinżamm fil-25 u s-26 ta' Lulju 2005.
26. L-iżvilupp għandu rwol kruċjali fit-tħejjija tas-summit. F'dan ir-rigward, filwaqt li jfakkar ir-responsabbiltà ewlenija tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-iżvilupp tagħhom, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim li ntlaħaq mill-Kunsill dwar l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA). Fil-kuntest ta' l-impenn magħmul biex jintlaħaq l-oġettiv miftiehem fuq il-livell internazzjonali ta' ODI/GNI ta' 0,7%, il-Kunsill Ewropew jinnota b'sodisfazzjon li l-Istati Membri tiegħu huma fit-triq it-tajba biex jilħqu l-oġettiv li jinsab fl-impenji ta' Barċellona li jikkonsisti fl-ilħuq ta' ODA ta' 0,39% tal-GNI fl-2006. Filwaqt li jerġa' jafferma d-determinazzjoni tiegħu li jirrispetta dawn l-impenji, il-Kunsill iddeċieda li jistabbilixxi oġettiv kollettiv ġdid għall-Unjoni Ewropea, li jikkonsisti fl-ilħuq ta' ODA/GNI ta' 0,56% sa l-2010. Dan jikkorrispondi għal somma annwali supplimentari ta' 20 biljun euro f'ODA.

27. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew huwa fil-pożizzjoni li jerġa' jafferma li, skond ir-riżultati li ħarġu mill-Kunsill fl-24 ta' Mejju 2005, dawk l-Istati Membri li għadhom ma laħqux il-livell ta' ODA/GNI ta' 0,51% jimpenjaw ruħhom biex jagħmlu hekk sa l-2010, fil-qafas tal-proċessi rispettivi tagħhom ta' allokazzzjoni tal-*budget*, filwaqt li dawk li diġà qabżu dan il-livell jimpenjaw ruħhom biex ikomplu fl-isforzi tagħhom; l-Istati Membri li aderew ma' l-UE wara l-2002 u li għadhom ma laħqux il-livell ta' ODA/GNI ta' 0,17% ser jagħmlu hilitom biex ikabbru l-ODA tagħhom, fil-qafas tal-proċessi rispettivi tagħhom ta' allokazzzjoni tal-*budget*, biex jilħqu dan il-livell sa l-2010, filwaqt li dawk li diġà qabżu dan il-livell jimpenjaw ruħhom biex ikomplu fl-isforzi tagħhom; l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom biex jilħqu livell ta' ODA/GNI ta' 0,7% sa l-2015, filwaqt li dawk li diġà laħqu dan il-livell jimpenjaw ruħhom biex jibqgħu 'l fuq minn dan il-livell; l-Istati Membri li aderew ma' l-UE wara l-2002 ser jagħmlu hilitom biex jilħqu livell ta' ODA/GNI ta' 0,33% sa l-2015.
28. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex ikompli l-eżami tiegħu ta' l-għażliet l-aktar promettenti għas-sorsi ta' finanzjament innovattivi destinati għall-iżvilupp, sabiex jiżdiedu r-riżorsi disponibbli b'mod dejjiemi u prevedibbli.
29. L-Unjoni Ewropea tibqa' determinata li ssib, f'kollaborazzjoni ma' l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, ftehim dwar il-firxa u l-modalitajiet ta' tnaqqis supplimentari tad-dejn multilaterali sabiex jiġi garantit, waqt li jittieħed approċċ ta' każ b'każ, li l-piż tad-dejn jibqa' sopportabbli fit-tul.
- F'dan il-kuntest, huwa jilqa' l-ftehim tal-G8 li jingħata tnaqqis ta' 100% tad-dejn multilaterali tal-pajjiżi foqra li għandhom ħafna dejn.
30. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-bżonn li jkunu mtejbja b'mod parallel ma' l-isforzi ta' finanzjament, il-kwalità u l-effikaċja ta' l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, kif ukoll fil-bżonn li jissaħħew il-kapaċitajiet u li tkun żgurata l-vijabbiltà ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp mkabbra għall-pajjiżi msieħba. Huwa jilqa' d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-effikaċja ta' l-għajnuna u jfakkar l-impenn sħiħ ta' l-Istati Membri u tal-Kummissjoni biex jiżguraw mingħajr dewmien l-implimentazzjoni u s-segwitu tagħha, inkluż l-istabbiliment ta' miri li jistgħu jiġu verifikati, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' l-impenji speċifiċi li l-Unjoni Ewropea adottat waqt il-Forum ta' Livell Għoli ta' Pariġi.

31. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jittieħed kont tad-dimensjoni soċjali tal-mondjalizzazzjoni fid-diversi linji politiċi u fil-kooperazzjoni internazzjonali.
32. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma li l-Unjoni Ewropea ser tkompli tiegħu kont ta' l-oġġettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-linji politiċi kollha li timplimenta u li huma suxxettibbli li jaffettwaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-UE ser tagħmel sforz partikolari sabiex tippromwovi u ssaħħaħ il-koerenza tal-linji politiċi favur l-iżvilupp fil-qafas tas-Sħubija Dinjija għall-Iżvilupp, taħt l-Oġġettiv ta' Żvilupp tal-Millennju (MDG) Nru 8.
33. L-UE tikkunsidra l-iżvilupp ta' l-Afrika bħala prijorità u ser tintensifika l-isforzi tagħha bil-ħsieb li tgħin lill-pajjiżi Afrikani biex jilhqqu l-Oġġettivi ta' Żvilupp tal-Millennju. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jerġa' jafferma l-intenzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li żżid l-ghajjnuna finanzjarja tagħha għall-Afrika tas-Subsahara bl-għoti, b'mod konġunt, lill-kontinent Afrikan ta' mill-inqas 50% taż-żieda fir-riżorsi li ġie miftiehem għall-ODA, waqt li jiġu rispettati l-prijoritajiet tad-diversi Stati Membri. L-assistenza lill-pajjiżi li ħerġin minn konflitt u lill-Istati fraġili ser tiġi mtejbja wkoll.
34. Il-Kunsill Ewropew jikkunsidra l-istabbiliment tal-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi, il-prevenzjoni tal-konflitti, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-adozzjoni ta' prinċipji għall-użu tal-forza, id-diżarm, in-non-proliferazzjoni ta' l-armi tal-qerda tal-massa u l-vetturi tagħhom u t-tisħiħ tal-kapaċità tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam taż-żamma tal-paċi bħala l-prijoritajiet tiegħu waqt it-tħejjija tas-Summit.
35. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim milħuq fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-13 ta' April li għadda dwar il-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu nukleari u jagħmel sejħa lill-membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti biex jiffirmaw din il-Konvenzjoni matul is-Summit ta' Settembru.

36. F'dak li jikkonċerna b'mod aktar speċifiku d-diżarm u n-non-proliferazzjoni ta' l-armi tal-qerda tal-massa, il-Kunsill Ewropew jiddeplora li, minkejja l-isforzi ta' l-UE, il-konferenza ta' eżami ta' l-NPT ma waslitx b'kunsens għal dokument li jitratta kwistjonijiet ta' sustanza. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza li jagħti lill-konsolidazzjoni ta' l-NPT u jesprimi t-tama li din il-problema tiġi ttrattata fis-Summit ta' Settembru. Huwa jikkonferma l-pożizzjoni komuni tiegħu adottata għal din il-konferenza ta' eżami bħala bażi biex ikomplu jkunu segwiti l-oġettivi tagħha fil-proċess ta' eżami tat-Trattat futur.
37. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-post prominenti li ngħata lid-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija fil-proposti ta' riforma. F'dan is-sens, il-Kunsill Ewropew jisħaq dwar l-importanza li jagħti lill-kunċett ta' responsabbiltà li wieħed jipproteġi, li għandu jiġi implimentat mill-Kunsill tas-Sigurtà. Huwa jappoġġa t-tisħiħ tar-rwol u l-mezzi tal-Kummissarju Għoli u biex jiġi stabbilit Kunsill għad-drittijiet tal-bniedem li jiltaqa' tul is-sena kollha, li jirrifletti l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem u l-post ċentrali li għandhom fis-sistema tan-NU. Huwa jikkondividi x-xewqa li d-drittijiet tal-bniedem jitqiegħdu fuq l-istess pedament bħall-kwistjonijiet ta' l-iżvilupp, tal-paċi u tas-sigurtà. Huwa jappoġġa wkoll it-talba ta' tisħiħ ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli, inkluż permezz ta' l-interazzjoni tiegħu mal-Kunsill tas-Sigurtà. Dawn l-inizjattivi għandhom isaħħu t-teħid fil-kont tad-drittijiet tal-bniedem fi ħdan l-attivitajiet tan-Nazzjonijiet Uniti.
38. Fil-qasam tar-riformi istituzzjonali, il-Kunsill Ewropew jagħraf il-ħtieġa li l-korpi ewlenin tan-NU jiġu riformati, fosthom l-Assemblea Ġenerali, l-ECOSOC u l-Kunsill tas-Sigurtà, bl-għan li jiġu msaħħa r-rappreżentattività, it-trasparenza u l-effikaċja tas-sistema. Huwa jappoġġa wkoll l-isforzi ta' riforma fl-oqsma tal-*budget* u tal-ġestjoni amministrattiva, bil-ħsieb li n-NU tkun tista' twettaq il-mandat tagħha aħjar.

39. L-iżvilupp sostenibbli, inklużi l-kwistjonijiet u t-tħassib ambjentali, għandu jiġi integrat aktar fil-programmi u l-istrateġiji nazzjonali u internazzjonali ta' żvilupp. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa s-sejħa urġenti tas-Segretarju Ġenerali għal struttura internazzjonali ta' governanza ambjentali iżjed integrata, ibbażata fuq l-istituzzjonijiet eżistenti. F'dan is-sens, u b'kont meħud ta' l-isfidi ambjentali assoċjati ma' l-iżvilupp, l-UE tipproponi li l-laqgħa ta' livell għoli ta' Settembru 2005 tibda proċess, fil-qafas tar-riforma tan-NU, li jwassal għal negozjati dwar l-istabbiliment ta' aġenzija tan-NU għall-ambjent, mibnija fuq l-UNEP, b'mandat aġġornat u msaħħaħ, ibbażata fuq kontribuzzjonijiet finanzjarji stabbli, xierqa u prevedibbli, u li topera fuq bażi ta' ugwaljanza ma' l-aġenziji speċjalizzati l-oħra tan-NU. Din l-aġenzija, ibbażata f'Nairobi, għandha tippermetti l-iżvilupp tad-dimensjoni ambjentali ta' l-iżvilupp sostenibbli b'mod integrat u koerenti, u għandha tikkoopera mill-qrib ma' l-aġenziji multilaterali, b'kull waħda minnhom tuża l-vantaġġi komparattivi tagħha bl-aħjar mod.
40. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li huwa meħtieġ li l-konferenza ministerjali tad-WTO prevista għal Diċembru li ġej f'Hong Kong tistabbilixxi l-linji ta' orjentazzjoni ta' ftehim bil-ħsieb tat-twettiq tal-programm ta' Doha għall-iżvilupp. Jeħtieġ li jkun hemm riżultati ambizzjużi u ekwibrati minħabba l-isfidi ekonomiċi li l-Ewropa għandha tiffaċċja u sabiex tkun offruta lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw il-possibbiltà li jintegraw ruħhom b'mod sħiħ fl-ekonomija dinjija.
- .

Il-Balkani tal-Punent

41. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa ta' l-aġenda ta' Tessaloniki, li tisħaq li l-futur tal-pajjiżi tal-Balkani huwa fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Huwa jerġa' jiddikjara li l-progress ta' kull pajjiż lejn l-integrazzjoni Ewropea, b'kont meħud ta' l-evoluzzjoni ta' l-*acquis*, jiddependi fuq l-isforzi tiegħu stess biex jirrispetta l-kriterji ta' Kopenħagen u l-kondizzjonalità tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Minbarra dan, f'dan il-proċess, il-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet ta' ġirien tajba ser jibqgħu l-elementi essenzjali tal-politika ta' l-UE.

42. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lil dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja biex tintensifika l-isforzi tagħha fil-perspettiva ta' l-opinjoni li l-Kummissjoni ser tippreżenta dwar it-talba tagħha għall-adeżjoni ma' l-UE. Huwa jilqa' l-isforzi sostanzjali mwettqa mis-Serbja u Montenegro, jinkoraġġiha biex tintensifikahom, u jafferma mill-ġdid li l-Unjoni Ewropea tixtieq tibda malli jkun possibbli negozjati bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' ftehim ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni. Huwa jtenni d-determinazzjoni tiegħu biex jagħmel l-istess mal-Bosnja u Herzegovina malli l-kondizzjonijiet għal dan jintlaħqu. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll l-importanza li jsiru elezzjonijiet ħielsa u demokratiċi fl-Albanija skond ir-regoli internazzjonali, inkluż fir-reġjuni fejn qiegħdin jgħixu xi minoritajiet, fil-kuntest tat-tqarrib ta' dan il-pajjiż lejn l-UE.
43. F'lejlet il-kommemorazzjoni ta' l-għaxar anniversarju tal-massakru ta' Srebrenica, il-Kunsill Ewropew jissottolinja li l-kooperazzjoni sħiħa u mingħajr restrizzjonijiet tal-pajjiżi tar-reġjun ma' l-ICTY tibqa' esiġenza essenzzjali għat-tkomplija tat-tqarrib tagħhom lejn l-UE. Huwa jistenna li din il-kooperazzjoni titkompla u tiġi msaħħa sakemm l-akkużati kollha li jibqgħu jaħarbu mill-ġustizzja internazzjonali jitressqu quddiem it-Tribunal.
44. Il-Kunsill Ewropew adotta dikjarazzjoni dwar il-Kosovo li tinsab fl-Anness III.

Il-Politika Ewropea dwar il-Pajjiżi Ġirien

45. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-konklużjoni ta' l-ewwel sensiela ta' pjanijiet ta' azzjoni fil-qafas tal-Politika Ewropea dwar Pajjiżi Ġirien ma' l-Awtorità Palestinjana, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Marokk, il-Moldova, it-Tunisija u l-Ukraina, u jilqa' d-deċiżjoni li tali pjanijiet ta' azzjoni jiġu stabbiliti fl-2005 ma' l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja wkoll, inklużi f'Ġunju 2004 fil-Politika Ewropea dwar Pajjiżi Ġirien, kif ukoll ma' l-Eġittu u l-Libanu, u li jkun imħejji rapport nazzjonali dwar l-Alġerija. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lis-SĠ/RĠh biex jirrapporta regolarment dwar il-progress milħuq.

46. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-isforzi magħmula mill-gvern ta' l-Ukraina bil-ħsieb li tiġi stabbilita f'dan il-pajjiż demokrazija sħiħa u ekonomija soċjali tas-suq u jilqa' l-adeżjoni tiegħu man-normi u l-valuri Ewropej. Huwa jistenna bil-ħerqa li jitkomplew id-djalogu u l-kuntatti msaħħa bejn l-UE u l-Ukraina u jappoġġa l-implimentazzjoni rapida tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Ukraina.
47. Minbarra dan, il-Kunsill Ewropew jieħu nota ta' l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Moldova u tal-ħatra ta' EUSR għall-Moldovja, pajjiż li qed jiġi msejjaħ biex fil-futur isir ġar dirett ta' l-Unjoni Ewropea. Huwa jiddikjara ruħu lest biex jipparteċipa b'mod attiv biex tinstab soluzzjoni għall-konflitt fit-Transnistrija u jilqa' b'mod favorevoli t-tisħiħ tad-djalogu mar-Russja, l-Ukraina u l-OSCE dwar dan is-suġġett.
48. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn ta' l-UE għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet tagħha mal-Belarus inkluż, fost affarijiet oħra permezz tat-tfassil ta' pjan ta' azzjoni, hekk kif l-awtoritajiet ta' dan il-pajjiż ikunu wrew biċ-ċar ix-xewqa tagħhom li jirrispettaw il-valuri demokratiċi, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. L-UE tinsab imħassba bl-intensifikazzjoni tar-ripressjoni kontra l-forzi demokratiċi u s-soċjetà ċivili fil-Belarus. L-UE ser tieħu miżuri sabiex tgħarraf u turi lill-poplu tal-Belarus bil-vantaġġi tal-politika Ewropea dwar Pajjiżi Ġirien u ser issostni t-tisħiħ tas-soċjetà ċivili u tal-proċess ta' demokratizzazzjoni f'dan il-pajjiż.

Sħubija Strateġika mar-reġjun tal-Mediterran u l-Lvant Nofsani

49. Il-Kunsill Ewropew approva r-rapport tal-Presidenza, tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tas-Sħubija Strateġika bejn l-UE u r-reġjun tal-Mediterran kif ukoll tal-Lvant Nofsani. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tas-Sħubija Strateġika għar-relazzjonijiet ta' l-UE mal-pajjiżi tar-reġjun tal-Lvant Nofsani. Huwa ser ikompli jsegwi l-implimentazzjoni ta' l-oġettivi tas-Sħubija Strateġika skond il-prinċipji ta' azzjoni ta' l-appartenenza komuni u ta' sħubija. Il-Kunsill Ewropew jaqbel dwar il-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni tas-Sħubija Strateġika fil-pajjiżi li jinsabu fil-Lvant tal-Ġordan. Ir-rieda politika komuni li jiġu promossi r-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni fl-oqsma kollha, lil hinn mill-kwistjonijiet kummerċjali u ekonomiċi, ġiet affermata mill-ġdid b'mod partikolari matul il-15-il Kunsill Konġunt u l-Laqgħa Ministerjali GCC-UE, li saru fil-5 ta' April 2005 f'Manama.

Proċess ta' Barċellona

50. Il-Kunsill Ewropew jilqa' ż-żamma fil-Lussemburgu tas-VII Konferenza Ministerjali Ewro-Mediterranja, li ppermettiet li ssir analiżi eżawrjenti ta' l-Isħubija mill-bidu tagħha fl-1995, u biex jiġu definiti l-bażijiet tal-ġejjieni għall-proċess u biex jiġu adottati, għall-ewwel darba, konklużjonijiet konġunti dwar, fost l-oħrajn, il-ħtieġa li jkunu promossi riformi politiċi u soċjali fil-pajjiżi msieħba . Huwa ħa nota b'sodisfazzjon ukoll tal-progress imwettaq fid-djalogu politiku u ta' sigurtà kif ukoll fl-implimentazzjoni tas-sħubija soċjali, kulturali u umana tal-Proċess ta' Barċellona, b'mod partikolari permezz ta' l-inawgurazzjoni, f'Alessandrija, tal-Fondazzjoni Ewro-Mediterranja Anna Lindh għad-Djalogu bejn il-Kulturi, u l-istabbiliment, fil-Lussemburgu, tal-pjattaforma non-governattiva Ewro-Mediterranja. Fl-aħħar nett, il-Kunsill Ewropew jilqa' ż-żamma ta' l-ewwel sessjoni plenarja ta' l-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja, fil-Kajr, li tirrifletti l-ġibda lejn il-valuri demokratiċi u lejn il-prinċipju ta' l-appartenenza komuni, intrinſiċi għall-Proċess ta' Barċellona. Huwa juri s-sodisfazzjon tiegħu għall-organizzazzjoni, fl-aħħar ta' Novembru f'Barċellona, ta' laqgħa straordinarja ta' livell għoli li tfakkar l-għaxar anniversarju tad-Dikjarazzjoni ta' Barċellona.

51. L-integrazzjoni sħiħa tal-Libja fil-proċess ta' Barċellona tikkostitwixxi l-oġettiv globali tal-politika ta' impenn ta' l-UE ma' dan il-pajjiż. Il-parteċipazzjoni f'dan il-proċess, u l-progress ulterjuri lejn il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni, jiddependu fuq ir-rieda ta' dan il-pajjiż li jaċċetta fl-integralità tagħha u mingħajr kondizzjonijiet id-Dikjarazzjoni kif ukoll l-*acquis* ta' Barċellona. Ser ikun hemm konsultazzjonijiet dwar dan is-suġġett u dwar kwistjonijiet oħra pendent.

L-Iraq

52. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid ir-rieda ta' l-UE li tkompli l-implimentazzjoni tal-programm sħiħ ta' assistenza, maqbul mill-Kunsill fil-5 ta' Novembru 2004 u fil-21 ta' Frar 2005, sabiex jintlaħaq l-oġettiv ta' Iraq bħala pajjiż sigur, stabbli, unifikat, prosperu, demokratiku u li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, li jeżerċita bis-sħiħ is-sovranità tiegħu u li jikkoopera b'mod kostruttiv mal-ġirien tiegħu u mal-komunità internazzjonali. Huwa jfakkar id-disponibbiltà tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri biex isostnu, f'każ ta' talba Iraqqina, il-proċess kostituzzjonali f'konformità mar-Riżoluzzjoni 1546 u f'kooperazzjoni sħiħa man-NU. Huwa jħeġġeġ lill-awtoritajiet Iraqqini biex ikomplu bl-involvement sħiħ tal-partijiet kollha tas-soċjetà Iraqqina fil-proċess kostituzzjonali u biex jippromwovu djalogu nazzjonali tabilħaqq.
53. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn tiegħu biex jappoġġa lill-awtoritajiet u lill-poplu Iraqqin, b'mod konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msejja "L-UE u l-Iraq – Qafas għall-impenn" approvat mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2004, b'mod partikolari billi jappoġġa t-tisħiħ tas-sistema tal-ġustizzja kriminali u ta' l-istat tad-dritt permezz tal-missjoni EUJUST LEX, billi jikkontribwixxi għar-rikostruzzjoni politika, ekonomika u soċjali ta' l-Iraq u billi jkompli fl-isforzi bil-ħsieb ta' tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iraq bl-oġettiv li jiġi stabbilit djalogu politiku regolari. Huwa jilqa' f'dan il-kuntest iż-żjara tat-Trojka Ministerjali fid-9 ta' Ġunju 2005 f'Bagdad u jikkonferma r-rieda tiegħu li jiġu żviluppati l-kuntatti bejn l-UE u l-Iraq. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni mill-Kunsill, fit-13 ta' Ġunju 2005, tal-pjan ta' operazzjoni tal-Missjoni Integrata ta' l-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX, li ppermetta t-tnedija uffiċjali ta' din il-missjoni ta' taħriġ ta' l-UE għall-Iraq. Huwa laqa' b'mod favorevoli d-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħha li tiftaħ delegazzjoni f'Bagdad fi żmien qasir.

54. Huwa jesprimi x-xewqa li l-Konferenza Internazzjonali Iraq, ko-organizzata mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti fil-qafas tal-proċess politiku definit mir-Risoluzzjoni 1546, li ser tinżamm fit-22 ta' Ġunju li ġej fi Brussel, tipprovdi opportunità biex jintwera l-appoġġ tal-komunità internazzjonali għall-prijoritajiet identifikati mill-awtoritajiet Iraqqini għall-perijodu ta' transizzjoni, f'perspettiva ta' qafas ġdid ta' koordinazzjoni għall-isforzi ta' assistenza f'qasir żmien. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li l-Gvern Iraqi jkollu rwol ewlieni kif ukoll li n-Nazzjonijiet Uniti jkollha rwol ta' konsulenza u appoġġ.

Iran

55. Il-Kunsill Ewropew jilqa' t-tkomplija tan-negozjati dwar ftehim ta' kummerċ u ta' kooperazzjoni u dwar ftehim politiku ma' l-Iran li saret possibbli bil-konklużjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi f'Novembru 2004. Huwa jissottolinja l-importanza li huwa jagħti għal trattament indaqs ta' l-Istati Membri kollha fil-qasam kummerċjali. Huwa jikkonferma r-rieda ta' l-Unjoni li tesplora modi biex tiżviluppa iktar il-koperazzjoni politika u ekonomika ma' l-Iran, wara azzjoni mill-Iran biex jittratta oqsma oħra ta' tħassib ta' l-UE fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, id-drittijiet tal-bniedem u l-approċċ ta' l-Iran għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani. Il-Kunsill Ewropew ifakkar ir-rieda tiegħu għal djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem kredibbli u effikaċi u jittama li s-sessjoni li jmiss isseħħ mingħajr dewmien abbażi ta' modalitajiet ġodda li għad iridu jiġu maqbula miż-żewġ partijiet.
56. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li l-kontinwazzjoni tas-sospensjoni sħiħa ta' l-attivitajiet kollha relatati ma' l-arrikkiment u ta' dawk l-attivitajiet kollha ta' ipproċessar mill-ġdid kienet il-kondizzjoni biex jitkompla l-proċess globali. Huwa jiddikjara ruħu favorevoli għat-tkomplija ta' l-isforzi bil-għan li jintlaħaq ftehim dwar arranġamenti għal perijodu fit-tul, li jagħti lill-komunità internazzjonali l-garanziji oġġettivi ta' l-għanijiet aħħarin esklużivament paċifiċi tal-programm nukleari Iranjan. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-appoġġ internazzjonali li bbenefika minnu dan il-proċess.

Il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani

57. Il-Kunsill Ewropew adotta dikjarazzjoni dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani li tinsab fl-Anness IV, kif ukoll dikjarazzjoni dwar il-Libanu (Anness V).

Relazzjonijiet transatlantiċi

58. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-evoluzzjoni pożittiva tar-relazzjonijiet transatlantiċi tul l-ewwel nofs ta' l-2005. Huwa jinnota b'sodisfazzjoni ż-żjara tal-President Amerikan George W. Bush lill-istituzzjonijiet Ewropej fi Brussel, fit-22 ta' Frar 2005, u b'mod partikolari l-laqgħa tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern mal-President. Is-Summit annwali bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti, li ser isir fl-20 ta' Ġunju 2005 f'Washington, ser ikun okkażjoni ġdida biex jitqies il-progress li sar fir-relazzjoni ma' dan is-sieħeb strateġiku insostitwibbli ta' l-Unjoni, u biex jiġu mtejba b'mod partikolari l-konnessjonijiet ekonomiċi transatlantiċi. Huwa jilqa' t-tnedija ta' djalogu strateġiku bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti dwar l-Asja tal-Lvant. Il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa s-Summit UE-Kanada li ġej fid-19 ta' Ġunju 2005 f'Niagara-on-the-Lake, li ser jippermetti li tittieħed nota tal-konsolidazzjoni tar-relazzjoni UE-Kanada minn mindu ġiet adottata l-Aġenda ta' Sħubija tul l-aħħar Summit f'Marzu 2004. Huwa jilqa' wkoll il-ftuħ riċenti ta' negozjati mal-Kanada dwar ftehim biex jissaħħu l-kummerċ u l-investment.

Ir-Russja

59. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-riżultati tal-ħmistax-il Summit UE-Russja, li seħħ fl-10 ta' Mejju 2005, u b'mod partikolari l-adozzjoni tar-*road maps* dwar l-istabbiliment ta' erba' spazji komuni, li l-istabbiliment tagħhom kien ġie deċiż matul is-Summit ta' St Petersburg f'Mejju 2003 (spazju komuni ekonomiku, spazju komuni ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, spazju ta' kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà esterna, u spazju għar-riċerka u l-edukazzjoni, inkluż l-aspetti kulturali). Dawn ir-*road maps* li jikkostitwixxu sett ibbilanċjat, jiddefinixxu objettivi komuni għar-relazzjonijiet UE-Russja, kif ukoll l-azzjonijiet meħtieġa għat-twettiq ta' dawn l-objettivi, u jistabbilixxu l-programm għall-perijodu medju tal-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Russja. L-implimentazzjoni tagħhom ser tippermetti t-tisħiħ tas-sħubija strateġika bejn l-UE u r-Russja kif ukoll il-kooperazzjoni reġjonali b'mod partikolari fil-qafas tad-Dimensjonai Settentrijonali.
60. Il-Kunsill Ewropew jinnota wkoll b'sodifazzjon il-mod tajjeb li bih saru l-ewwel konsultazzjonijiet dwar il-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, immedja f'Marzu 2005, bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja.
61. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-iffirmar tal-ftehim dwar il-fruntieri bejn ir-Russja u l-Estonja, u jispera li ftehim simili jkun jista' jiġi ffirmat dalwaqt mal-Latvja.
62. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll l-impenn meħud mir-Russja li tikkompleta l-evakwazzjoni tal-bażijiet militari Russi li baqa' fil-Ġeorġja fil-kors tas-sena 2008. Huwa jistenna li jiġu implimentati bis-sħiħ l-impenni kollha magħmula f'Istanbul fl-1999.

Relazzjonijiet ma' l-Asja

63. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-importanza li huwa jagħti għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet ma' l-Asja, fid-dawl tar-rwol dejjem jikber li dan ir-reġjun huwa mistenni li jiżvolġi fir-risoluzzjoni ta' kwistjonijiet fundamentali li qed jinqalgħu fil-komunità internazzjonali. F'dan il-kuntest, huwa jilqa' r-riżultati tal-laqgħat ministerjali UE-ASEAN u ASEM li saru fil-kors ta' l-ewwel nofs tas-sena.

64. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jiżviluppa s-sħubija tiegħu mal-Ġappun kemm bħala tweġiba għall-kwistjonijiet internazzjonali importanti kif ukoll fuq livell strettament bilaterali. Huwa determinat li jsaħħa id-djalogu strateġiku dwar il-qafas ta' sigurtà fl-Asja tal-Lvant, il-ħtieġa ta' liema ġiet indikata matul l-erbatax-il Summit UE-Ġappun fit-2 ta' Mejju 2005 fil-Lussemburgu. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress konsiderevoli fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni, adottat fl-2001, li jirrifletti t-titjib tar-relazzjonijiet bejn Unjoni mkabbra u l-Ġappun. Il-ħtieġa għal kooperazzjoni eqreb dwar il-kwistjonijiet ambjentali, ta' l-enerġija u tax-xjenza u t-teknoloġija ġiet imfakkra. Il-Kunsill Ewropew jinnota b'sodisfazzjon is-suċċess tas-Sena UE-Ġappun ta' Skambju bejn il-Popli.
65. Il-Kunsill Ewropew jilqa' t-30 anniversarju mill-bidu tar-relazzjonijiet diplomatiċi bejn l-UE u **ċ-Ċina**. Huwa jfakkar fid-determinazzjoni tiegħu biex jiżviluppa s-sħubija strateġika ma-Ċina, permezz tat-titjib tad-djalogu fl-oqsma kollha, kemm ta' natura ekonomika kif ukoll politika u waqt li jaħdem lejn soluzzjoni rapida għat-tilwima kummerċjali. Huwa jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jaċċelleraw il-ħidma dwar ftehim kwadru ġdid. Huwa jissottolinja l-importanza li jagħti lid-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem, li d-19-il sessjoni tiegħu seħħet fl-24 u l-25 ta' Frar 2005 fil-Lussemburgu.
66. Il-Kunsill Ewropew ifakkar ukoll il-konklużjonijiet tiegħu tas-16 u s-17 ta' Diċembru 2004. Huwa jilqa' l-progress li sar fuq ir-reviżjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta u t-*Toolbox*, u jistieden lill-Kunsill biex ikompli l-ħidma tiegħu fuq din il-bażi.
67. Il-Kunsill Ewropew jilqa' fl-aħħar it-tnedija ta' djalogu strateġiku dwar l-Asja ma' l-Istati Uniti u mal-Ġappun.
68. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ it-tkomplija tal-ħidma għat-tfassil tal-pjan ta' azzjoni ma' l-**Indja**, li għandu jiġi approvat matul is-sitt Summit li għandu jseħħ fil-kors tat-tieni nofs ta' l-2005 f'New Delhi.

Relazzjonijiet ma' l-ACP

69. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-konklużjonijiet tan-negozjati dwar ir-reviżjoni tal-Ftehim ta' Kotonù u tal-ftehim misjub ma' l-Istati ACP dwar dan is-suġġett fit-23 ta' Frar li għadda. Dan il-ftehim rivedut, filwaqt li jżomm fis-seħħ l-*acquis* tal-Ftehim ta' Kotonù, jirrapreżenta titjib tas-sħubija bejn l-Istati ACP, il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, fil-partijiet komponenti kollha tagħha.

Relazzjonijiet ma' l-Afrika

70. Il-Kunsill Ewropew jilqa' it-tisħiħ tad-djalogu u tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi Afrikani kollha li seta jsir bl-affermazzjoni ta' l-Unjoni Afrikana (AU) bħala kwadru politiku li kapaċi jippromwovi tweġibiet Afrikani għall-isfidi ta' l-iżvilupp. Dan id-djalogu jimmira lejn sħubija strateġika UE-Afrika mibnija madwar erba' punti ċentrali: il-paċi u s-sigurtà, il-governanza, l-integrazzjoni reġjonali u l-kummerċ, u l-iżvilupp. Il-Kunsill Ewropew jilqa' it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' żamma tal-paċi u tas-sigurtà fl-Afrika u l-fatt li l-istrutturi rilevanti saru operattivi b'mod partikolari fil-qafas ta' l-Unjoni Afrikana u ta' l-organizzazzjonijiet sub-reġjonali li l-UE impenjat ruħha li ssostni.
71. Il-Kunsill Ewropew jixtieq jissottolinja b'mod aktar partikolari li l-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Istati Membri tagħha, ser ikompli bl-isforzi tagħhom ta' assistenza, b'mod partikolari fis-Sudan, fir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar, fl-Afrika tal-Punent u fis-Somalja. Huwa jesprimi l-appoġġ kollu tiegħu għall-inizjattivi kontinentali, bħan-NEPAD, jew reġjonali, bħall-proċess li ħareġ mill-konferenza internazzjonali dwar il-Lagi l-Kbar, u jilqa' l-attività dejjem akbar ta' l-organizzazzjonijiet Afrikani, bħall-ECOWAS, is-SADC u l-IGAD.

72. L-UE ser tkompli bl-impenn tagħha għar-restawr tal-paċi u l-iżvilupp fis-Sudan kollu, b'mod partikolari permezz ta' l-appoġġ tagħha għall-AMIS. B'hekk fil-konferenza tad-donaturi AMIS fis-26 ta' Mejju 2005 f'Addis Ababa, l-UE ppreżentat offerta komprensiva u sostanzjali ta' appoġġ fil-livell tal-pjanifikazzjoni, tal-loġistika u tal-funzjonament, tat-tagħmir, tat-trasport bl-ajru strateġiku u tattiku, tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' osservazzjoni ta' l-UA u tat-taħriġ u ta' esperti tal-pulizija u oqsmha ċivili oħra, skond it-talbiet magħmula mill-Unjoni Afrikana u b'koordinazzjoni ma' l-atturi l-oħra tal-komunità internazzjonali, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti, in-NATO, l-Istati Uniti u l-Kanada. L-UE tagħmel sejħa wkoll lill-partijiet kollha biex jikkooperaw mal-Qorti Kriminali Internazzjonali sabiex jintemmu l-impunità u x-xkiel għall-ġustizzja u għar-rikonċiljazzjoni tal-popli ta' Darfur. Il-Kunsill Ewropew jibqa' mħasseb ħafna bit-tkomplija tal-vjolażżjonijiet gravi u serji tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali umanitarju fil-konfront tal-popli ċivili fid-Darfur u bl-ostakoli għall-isforzi ta' l-organizzazzjonijiet umanitarji u jfakkar lill-gvern Sudaniż dwar ir-responsabbiltà tiegħu li jiggarrantixxi s-sigurtà taċ-ċittadini u ta' dawk li jaħdmu għall-benefiċċju tagħhom. Huwa jhegġegħ lill-partijiet kollha fid-Darfur biex jinnegozjaw b'rieda tajba, meta n-negozjati ta' paċi jergġu jibdew kif ġie mħabbar, ftehim ta' paċi sħiħ u definittiv, u biex jikkooperaw bis-sħiħ man-Nazzjonijiet Uniti. Huwa jagħmel sejħa wkoll lill-partijiet Sudaniżi kollha biex jimplimentaw bis-sħiħ u b'mod komplet il-Ftehim Globali ta' Paċi u jniedu proċess ta' demokratizzazzjoni inklużiva.

73. L-Unjoni Ewropea kkontribwiet għar-riforma tas-settur tas-sigurtà, għat-transizzjoni u għall-istabbilizzazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo permezz tat-tnedija f'April 2005 tal-missjoni ta' pulizija ta' l-UE f'Kinshasa, EUPOL Kinshasa, u t-tnedija fit-8 ta' Ġunju 2005 tal-missjoni tagħha ta' parir u assistenza fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà, EUSEC RD Congo. L-UE u l-Istati Membri tagħha jikkonfermaw li huma lesti biex jikkunsidraw appoġġ aktar operattiv għall-integrazzjoni ta' l-armata Kongoliża, b'mod partikolari abbażi ta' l-informazzjoni li għandha tingħata mill-EUSEC RD Congo. Dawn il-missjonijiet jikkostitwixxu eżempji konkreti ta' l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ta' appoġġ mill-ESDP għall-paċi u s-sigurtà fl-Afrika. B'dan l-impenn, l-UE ġġedded l-appoġġ tagħha għat-transizzjoni u ttenni s-sejħa tagħha lill-awtoritajiet Kongoliżi biex jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-iżvolġiment tajjeb tal-proċess elettorali, il-governanza tajba u t-trasparenza u, b'mod partikolari, il-ħlas b'mod regolari tas-salarji tas-soldati. Hija tistieden minnufih lill-oppożizzjoni politika u lis-soċjetà ċivili biex ikollhom rwol kostruttiv u ta' paċifikazzjoni fl-implimentazzjoni tat-transizzjoni.
74. B'kont meħud tal-konnessjoni mill-viċin li hemm bejn il-paċi u s-sigurtà min-naħa l-waħda u l-iżvilupp tal-pajjiżi Afrikani min-naħa l-oħra, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni ta' l-UE li tkompli tappoġġa l-iżvilupp tal-kontinent Afrikan, fir-rispett tal-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' appartenenza Afrikana. F'dan il-kuntest, huwa objettiv importanti li jseħħ malajr kemm jista' jkun it-tieni Summit UE-Afrika f'Lisbona. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll il-prijorità mogħtija lill-Afrika fil-qafas tal-ħidma tal-G8 u nnota l-kontribut magħmul mill-“Kummissjoni għall-Afrika”.
75. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza li huwa jagħti għar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Afrika. Huwa jistieden lill-Kunsill biex jelabora strateġija globali għall-perijodu fit-tul fir-rigward ta' l-Afrika fid-dawl tas-Summit tan-NU bi tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2005.

Relazzjonijiet ma' l-Amerika Latina

76. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-impenn ta' l-Unjoni li ssaħħa is-sħubija ma' l-Amerika Latina. Huwa jieħu nota b'sodisfazzjon tar-riżultati tat-12-il laqgħa ministerjali bejn l-Unjoni u l-Grupp ta' Rio, kif ukoll tal-laqgħat ministerjali ma' l-organizzazzjonijiet sub-reġjonali differenti ta' l-Amerika Ċentrali u t'Isfel, li nżammu fil-Lussemburgu fis-26 u s-27 ta' Mejju 2005.
77. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-risoluzzjoni espressa fl-okkażjoni tal-laqgħa riċenti mal-Mercosur biex jinbdew in-negozjati bi-reġjonali sabiex ikun stabbilit Ftehim ta' Assoċjazzjoni inter-reġjonali. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll it-tnedija f'Jannar 2005 ta' eżerċizzji ta' valutazzjoni konġunta dwar l-integrazzjoni ekonomika reġjonali tal-Komunità Andina u ta' l-Amerika Ċentrali b'applikazzjoni tad-deċiżjonijiet adottati fis-Summit UE-LAC li sar f'Mejju 2004 fi Guadalajara.

PESD

78. Il-Kunsill Ewropew japprova r-rapport tal-Presidenza dwar il-PESD, li fih il-mandat għall-Presidenza li jmiss.
79. Fir-rigward tal-kapaċitajiet militari, il-ħidma kunċettwali dwar il-gruppi tattiċi (li jagħmlu parti mill-elementi ta' reazzjoni rapida) kompliet b'suċċess. Fil-konferenza ta' koordinazzjoni tal-gruppi tattiċi tal-11 ta' Mejju ġie stabbilit li l-impenji ta' l-Istati Membri ser jippermettu li jintlaħaq l-oġettiv ippjanat għall-perijodu ta' kapaċità operattiva inizjali 2005 u 2006. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja il-progress miksub lejn l-iżgurar tal-kontribuzzjonijiet neċessarji għall-perijodu ta' kapaċità operattiva sħiħa fl-2007, 2008.
80. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-miżuri meħuda li jippermettu l-aċċelerazzjoni tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' pjanifikazzjoni għall-operazzjonijiet ta' reazzjoni rapida ta' l-UE.

81. L-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili Ewropej bil-ħsieb tal-kisba ta' l-Għanijiet Prinċipali Ċivili 2008 tkompla b'mod attiv skond it-termini perentorji stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2004. B'hekk kien possibbli li jiġu mfassla l-ipoteżijiet ta' pjanifikazzjoni strateġika u x-xenarji illustrattivi dwar l-istabbilizzazzjoni u r-rikostruzzjoni, il-prevenzjoni tal-konflitti, it-tisħiħ immirat ta' l-istituzzjonijiet u l-appoġġ ċivili għal operazzjonijiet umanitarji. Il-ħidma dwar l-insedjament rapidu ta' kapaċitajiet ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet tkomplet ukoll.
82. Il-Kunsill Ewropew jinnota li l-iżvilupp ta' l-istrumenti tal-PESD huwa parti minn approċċ konsistenti. Iċ-ċellula ċivili militari, li ġiet stabbilita matul il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2003, bdiet il-ħidma tagħha. Din iċ-ċellula ser ikollha l-kapaċità li tiġġenera ċentru ta' operazzjonijiet disponibbli sa mhux aktar tard minn Ġunju 2006.
83. L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) hija issa implikata bis-sħiħ fit-twettiq ta' l-ewwel programm ta' ħidma annwali tagħha. Proġetti *flagships* ġew ippreżentati fl-oqsma tal-kapaċitajiet militari, ta' l-armamenti, ta' l-industrija u tas-suq kif ukoll f'dak tar-riċerka u tat-teknoloġija, l-erba' pilastri ta' l-attivitajiet ta' l-EDA.
84. Il-Kunsill Ewropew jinnota b'sodisfazzjon li l-kunċett ta' taħriġ ta' l-UE fil-qasam tal-PESD beda jiġi implimentat b'suċċess. Il-modalitajiet ta' funzjonament tal-Kulleġġ Ewropew ta' sigurtà u ta' difiża ġew stabbiliti. Il-kondizzjonijiet neċessarji għall-istabbiliment tal-kulleġġ issa għaldaqstant jeżistu.
85. Il-Kunsill Ewropew jerġa' jafferma l-interess tiegħu għat-tisħiħ tas-sħubijiet u l-kooperazzjonijiet ma' l-Istati terzi u l-korpi internazzjonali. L-UE u n-NATO komplew il-kooperazzjoni tagħhom fil-qafas tas-sħubija strateġika tagħhom fil-qasam tal-maniġġar ta' kriżijiet. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-fatt li l-implimentazzjoni ta' l-operazzjoni ALTHEA, immexxija mill-UE fil-Bosnja u Herzegovina tkomplet b'mod effikaċi, fil-kuntest ta' l-arranġamenti "Berlin plus" man-NATO.

86. Il-kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tal-maniġġar tal-kriżijiet komplet turi avvanzi u ġiet riflessa b'mod partikolari feżerizzju ta' studju intensiv UE-NU kif ukoll f'kollaborazzjoni stretta bejn l-EUPOL Kinshasa u l-MONUC.
87. Il-Kunsill Ewropew jinnota wkoll b'sodisfazzjon il-progress li sar fit-tisħiħ tas-sħubija fil-qasam ta' operazzjonijiet tal-maniġġar tal-kriżijiet immexxija mill-UE ma' l-Ukraina u mal-Kanada, fil-qafas ta' l-ispazju komuni ta' sigurtà esterna mar-Russja, fil-kuntest Ewromed ma' l-imsieħba Mediterranji, u ma' l-Unjoni Afrikana.
88. Il-Kunsill Ewropew jinnota b'sodisfazzjon l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni li għandu x'jaqsam mas-sostenn mogħti fil-qafas tal-PESD għall-paċi u s-sigurtà fl-Afrika. Il-Pjan ta' Azzjoni jimmira biex jgħin lill-organizzazzjonijiet u lill-Istati Afrikani biex jiksbu kapaċitajiet awtonomi ta' prevenzjoni u ta' maniġġar ta' konflitti, waqt li jagħti attenzjoni partikolari lill-Unjoni Afrikana.
89. Il-Kunsill Ewropew japprova r-rapport tal-Presidenza dwar l-attivitajiet ta' l-UE fil-qafas tal-prevenzjoni tal-konflitti u jissottolinja l-ħtieġa li titkompla l-ħidma f'dan il-qasam.

V. KWISTJONIJIET OĦRA

Il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS u mard ieħor li jittieħed

90. Il-Kunsill Ewropew jinnota bi tħassib kbir iż-żieda fl-inċidenza ta' l-HIV/AIDS fl-Istati Membri u l-pajjiżi ġirien kif ukoll fuq il-livell dinji u jissottolinja l-ħtieġa ta' approċċ Komunitarju kkoordinat u integrat sabiex jiġi miġġieled dan il-flaġell.

91. Il-Kunsill Ewropew ifakkar l-importanza ta' kooperazzjoni attiva bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jiġi mtejjeb l-għarfien ġenerali tal-pubbliku ġenerali u biex titqajjem kuxjenza fir-rigward tal-prevenzjoni ta' l-infezzjoni mill-HIV, li jiġu promossi mgħieba u prattika sesswali iżjed siguri u responsabbli, li jiġi żgurat aċċess universali għat-trattamenti, li jiġi mtejjeb l-aċċess, għall-konsumaturi tad-droga li tittieħed fil-vini, għall-prevenzjoni, għat-terapija tad-dipendenza u għas-servizzi li jikkonċernaw it-tnaqqis ta' l-għemil ħażin, u li tiġi mrawma klima ta' non-diskriminazzjoni fis-soċjetà. L-Istati Membri u l-Kummissjoni huma mistiedna biex ikomplu l-iskambju, fil-livell Komunitarju, ta' l-aħjar prattika u esperjenzi u biex jiffavorixxu l-investimenti f'attivitajiet xierqa ta' riċerka u ta' żvilupp.
92. Il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-Istati Membri biex jaħdmu bla heda biex jippreservaw u jiżviluppaw sistema ta' kura sostenibbli, abbordabbli u aċċessibbli, li sservi ta' bażi għall-prevenzjoni, għat-trattament u l-kura, u f'dan il-kuntest, jaraw b'mod partikolari li daww kollha li jkollhom bżonnu jkollhom aċċess għal trattament antiretrovirali abbordabbli, kif ukoll għal trattamenti mediċi oħra.
93. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-approvazzjoni mill-Kunsill tal-Programm Ewropew ta' Azzjoni għall-Ġlieda Kontra l-HIV/AIDS, il-Malarja u t-Tuberkolożi permezz ta' l-Azzjonijiet Esterni. Dan il-programm jikkostitwixxi l-bażi ta' azzjoni mġedda, u kkonċertata ta' l-UE fil-pajjiżi msieħba kollha kif ukoll fil-livell dinji permezz ta' azzjonijiet komuni bil-għan b'mod partikolari li jiġi promoss approċċ integrat fil-ġlieda kontra t-tliet mardiet, li jiġu msaħħa l-kapaċitajiet tal-pajjiżi msieħba, li jitkabbru r-riżorsi u l-mezzi disponibbli għall-ġlieda u li jingħata sostenn għar-riċerka u l-iżvilupp ta' strumenti ġodda ta' prevenzjoni u trattament tat-tliet mardiet.

94. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-ġlieda kontra l-HIV/AIDS, il-malarja u t-tuberkolożi kif ukoll fil-qafas ta' l-implimentazzjoni sħiħa tal-Programm ta' Azzjoni tal-Kajr/ ta' l-ICPD + 10, waqt li jiżguraw li s-saħħa u d-drittijiet ġenetiċi u sesswali jikkostitwixxu element essenzjali tal-prevenzjoni ta' l-HIV u ta' l-AIDS u li l-attivitajiet imwettqa fil-qasam tal-prevenzjoni ta' l-AIDS u tas-saħħa ġenetika u sesswali, kif ukoll id-drittijiet relatati, ikunu integrati jekk ikun il-każ.
95. Il-Kunsill Ewropew ifakkar ukoll il-bżonn li jinżamm fid-WTO aċċess faċilitat għall-mediċini għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li m'għandhomx kapaċitajiet ta' produzzjoni. Huwa jissottolinja l-importanza ta' kontribut Ewropew sostanzjali sabiex jerġa' jkun kostitwit il-Fond Dinji għall-AIDS għall-2006 u l-2007, fl-okkażjoni tal-konferenza li ser issir f'Londra f'Settembru 2005.
96. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiffavorixxu u jkomplu d-djalogu u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi fil-livell nazzjonali, reġjonali u globali, kif ukoll ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-UN AIDS, kemm fil-kuntest tal-politika tas-saħħa u fil-kuntest tal-politika ta' l-iżvilupp, sabiex jinkiseb progress ulterjuri fil-ġlieda kontra t-tixrid ta' l-HIV/AIDS.

L-inizjattiva “Diplomazija ekoloġika”

97. Il-Kunsill Ewropew ħa nota wkoll tar-rapport dwar ir-riżultati miksuba mill-inizjattiva “Diplomazija ekoloġika” li nieda f'Ġunju 2003. Huwa jilqa' f'dan ir-rigward l-isforzi li għaddejjin bħal issa bil-ħsieb ta' integrazzjoni aħjar tal-kwistjonijiet ambjentali u ta' l-iżvilupp sostenibbli fir-relazzjonijiet esterni.

**DIKJARAZZJONI DWAR IL-PRINĊIPJI GWIDA TA' L-
IŻVILUPP SOSTENIBBLI**

L-iżvilupp sostenibbli huwa objettiv ċentrali, stipulat fit-Trattat, għal-linji politiċi kollha tal-Komunità Ewropea. Huwa għandu l-għan li jtejjeb b'mod kontinwu l-kwalità tal-ħajja fid-Dinja tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri. L-objettiv tiegħu huwa li jippreserva l-kapaċità tad-Dinja li tiffavorixxi l-ħajja fid-diversità kollha tagħha. Huwa msejjes fuq il-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-Istat ta' Dritt kif ukoll fuq ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà u l-ugwaljanza fl-opportunitajiet għal kulħadd. Iwassal għal solidarjetà fi ħdan u bejn il-ġenerazzjonijiet. Huwa jipprova jippromwovi ekonomija dinamika, impjiegi għal kulħadd, livell għoli ta' edukazzjoni, ta' protezzjoni tas-saħħa, ta' koeżjoni soċjali u territorjali, kif ukoll il-protezzjoni ta' l-ambjent f'dinja paċifika u sigura, filwaqt li jirrispetta d-diversità kulturali.

Sabiex jilhqqu dawn l-objettivi fl-Ewropa u fil-livell dinji, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw u jimplimentaw, waħidhom u ma' l-imsieħba, l-objettivi u l-prinċipji li ġejjin:

Għanijiet Prinċipali

PROTEZZJONI TA' L-AMBJENT

Il-preservazzjoni tal-kapaċità tad-Dinja li tiffavorixxi l-ħajja fid-diversità kollha tagħha, ir-rispett tal-limiti tar-riżorsi naturali tal-pjaneta u l-garanzija ta' livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib fil-kwalità ta' l-ambjent. Nevitaw u nnaqqsu t-tniġġis ambjentali u nippromwovu produzzjoni u konsum sostenibbli biex tinqata' r-rabta bejn it-tkabbir ekonomiku u d-degradazzjoni ambjentali.

SENS TA' ĠUSTIZZJA SOĊJALI U KOEŻJONI

Il-promozzjoni ta' soċjetà demokratika, b'saħħitha, sigura u ġusta, ibbażata fuq l-integrazzjoni soċjali u l-koeżjoni, li tirrispetta d-drittijiet fundamentali u d-diversità kulturali, tiżgura l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u tiġġielel id-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha.

ĠID EKONOMIKU

Il-promozzjoni ta' ekonomija prospera, innovattiva, sinjura fl-għarfien, kompetittiva u ambjentalment effikaċi, li tiggarantixxi livell ta' għajxien għoli, impjiegi għal kulħadd u kwalità ta' xogħol fl-Unjoni Ewropea kollha.

NILĦQU R-RESPONSABILITAJIET INTERNAZZJONALI TAGĦNA

Biex ninkoraġġixxu l-istabbiliment u niddefendu l-istabbiltà ta' l-istituzzjonijiet demokratiċi madwar id-dinja, ibbażati fuq paċi, sigurtà u libertà. Nippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp sostenibbli madwar id-dinja u niżguraw li l-politika interna u esterna ta' l-Unjoni Ewropea hija konsistenti ma' l-iżvilupp globali sostenibbli u ma' l-impenji internazzjonali tiegħu.

Prinċipji ta' Gwida Poliċi

TMEXXIJA 'L QUDDIEM U HARSJEN TAD-DRITTJIET FUNDAMENTALI

It-tqegħid tal-bnedmin fiċ-ċentru tal-politika ta' l-Unjoni Ewropea, permezz tal-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u l-kontribut għat-tnaqqis tal-faqar u għall-eliminazzjoni ta' l-esklużjoni soċjali fid-dinja kollha.

SOLIDARJETÀ INTRA- U INTERĠENERAZZJONALI

L-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet attwali mingħajr ma tiġi kompromessa l-kapaċità ta' ġenerazzjonijiet futuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom, fl-Unjoni Ewropea u x'imkien ieħor.

SOĊJETÀ DEMOKRATIKA U MIFTUĦA

Il-garanzija għaċ-ċittadini tal-possibbiltà li jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom ta' aċċess għall-informazzjoni u l-iżgurar ta' l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja. Biex tiżviluppa konsultazzjoni u mezzi ta' parteċipazzjoni xierqa għall-partijiet interessati u l-assoċjazzjonijiet kollha.

INVOLVIMENT TAĊ-ĊITTADINI

It-titjib tal-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-promozzjoni ta' edukazzjoni u kuxjenza pubblika dwar l-iżvilupp sostenibbli. L-informar taċ-ċittadini dwar l-influwenza tagħhom fuq l-ambjent u l-modi differenti ta' kif jistgħu jagħmlu għażliet aktar sostenibbli.

PARTEĊIPAZZJONI TA' INTRAPRIŻI U IMSIEĦBA SOĊJALI

It-tisħiħ tad-djalogu soċjali, ir-responsabbiltà soċjali ta' l-intrapriżi u l-imsieħba pubbliċi-privati, sabiex jiġu promossi l-kooperazzjoni u r-responsabbiltajiet komuni dwar l-istabbiliment ta' tipi ta' produzzjoni u konsum sostenibbli.

KOERENZA TA' LINJI POLITIĊI U GOVERNANZA

Il-promozzjoni tal-koerenza bejn il-linji politiċi kollha ta' l-Unjoni Ewropea u bejn l-azzjonijiet meħuda fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u globali, sabiex jiżdied il-kontribut tagħhom għall-iżvilupp sostenibbli.

INTEGRAZZJONI TAL-LINJI POLITIĊI

Il-promozzjoni ta' l-integrazzjoni ta' konsiderazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali, b'tali mod li dawn ikunu koerenti u jsaħħu lil xulxin, permezz ta' l-użu sħiħ ta' l-istrumenti għal regolamentar aħjar, bħall-valutazzjoni bilanċjata ta' l-impatt u l-konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati.

L-UŻU TA' L-AĦJAR GĦARFIEN DISPONIBBLI

L-iżgurar li l-linji politiċi jkunu elaborati, valutati u eżegwiti abbażi ta' l-aħjar għarfien disponibbli u li jkunu ekonomikament, soċjalment u ambjentalment b'saħħithom u b'relazzjoni tajba bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji.

PRINĊIPJU TA' PREKAWZZJONI

Fil-każ ta' inċertezza xjentifika, l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' valutazzjoni u ta' miżuri ta' prevenzjoni xierqa sabiex jiġu evitati ħsarat għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

MIN INIĠĠES IĦALLAS

L-iżgurar li l-prezz jirrifletti l-ispejjeż reali, għas-soċjetà, ta' l-attivitajiet ta' produzzjoni u ta' konsum u li daww li jniġġsu jħallsu għall-ħsara li jikkawżaw għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

LINJI GWIDA INTEGRATI 2005-2008 GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI

1. Il-garanzija ta' l-istabbiltà ekonomika għal tkabbir sostenibbli
2. Is-salvagwardja tas-sostenibbiltà ekonomika u tal-*budget*, bħala pre-rekwiżit għall-ħolqien ta' aktar impjiegi.
3. Il-promozzjoni ta' allokazżjoni effikaċi tar-riżorsi, li tkun orjentata lejn it-tkabbir u l-impjiegi
4. L-iżgurar li l-iżviluppi tal-pagi jikkontribwixxu għall-istabbiltà makro-ekonomika u għat-tkabbir
5. It-tisħiħ tal-koerenza bejn il-politika makro-ekonomika, strutturali u ta' l-impjiegi
6. Il-kontribut għad-dinamiżmu u l-funzjonament tajjeb ta' l-EMU
7. Il-tkabbir u t-titjib ta' l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp b'mod partikolari fis-settur privat sabiex tiġi stabbilita Żona Ewropea ta' Għarfien
8. Il-faċilitazzjoni ta' l-innovazzjoni fil-forom kollha tagħha
9. Il-faċilitazzjoni tat-tixrid u l-użu effikaċi ta' l-ICTs u l-konstruzzjoni ta' soċjetà ta' l-informazzjoni li tkun inklussiva bis-sħiħ
10. It-tisħiħ tal-vantaġġi kompetittivi tal-bażi industrijali tagħha
11. It-tħeġġiġ ta' l-użu sostenibbli tar-riżorsi u t-tisħiħ tas-sinerġiji bejn il-protezzjoni ta' l-ambjent u t-tkabbir.
12. **L-estensjoni u t-tisħiħ tas-suq intern:**
13. L-iżgurar ta' swieq miftuħa u kompetittivi ġewwa u barra l-Ewropa, il-ġbir tar-riżultati pożittivi tal-globalizzazzjoni
14. Il-ħolqien ta' ambjent ta' l-intrapriżi aktar kompetittiv u t-tħeġġiġ ta' l-inizjattiva privata permezz tat-titjib tar-regolamenti
15. It-tħeġġiġ ta' kultura aktar intraprenditorjali u l-ħolqien ta' ambjent aktar favorevoli għall-SMEs
16. It-twessiegħ, it-titjib u l-konnessjoni ta' l-infrastrutturi Ewropej u l-ikkompletar tal-proġetti trans-konfini prijoritarji

17. L-implimentazzjoni ta' politika dwar l-impjiegi li tkun immirata lejn il-kisba ta' impjiegi għal kulħadd, it-titjib tal-kwalità u l-produttività tax-xogħol, u t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u territorjali
18. Promozzjoni ta' approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja għax-xogħol
19. Il-ħolqien ta' swieq tax-xogħol inklużivi, it-tkabbir ta' l-attrattività tax-xogħol, l-iżgurar li x-xogħol ikun finanzjarjament attraenti għal dawk li jkunu qed ifittxu impjeg, inklużi l-persuni żvantaġġati u n-nies qiegħda
20. Li jiġi mtejjeb it-tqabbil tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol
21. Li tiġi promossa l-flessibbiltà flimkien mas-sigurtà ta' l-impjiegi u li titnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, b'kont dovut meħud tar-rwol ta' l-imsieħba soċjali
22. L-iżgurar ta' l-iżvilupp ta' spejjeż tax-xogħol u tal-mekkaniżmi ta' l-istabbiliment tal-pagi li jkunu favorevoli għall-impjiegi
23. Li jitwessa' u jitjieb l-investment fil-kapital uman
24. Li s-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu adattati bi tweġiba għal ħtiġiet ġodda ta' kompetenzi

DIKJARAZZJONI DWAR IL-KOSOVO

1. Il-Kunsill Ewropew fakkar fil-kontribut ta' l-Unjoni Ewropea fl-implimentazzjoni tar-Risoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kosovo. L-Unjoni Ewropea ħadet impenn politiku sostanzjali, b'mod partikolari fl-appoġġ ta' l-attivitajiet ta' l-UNMIK, u responsabbiltajiet importanti fil-kwadru tar-rikostruzzjoni u l-iżvilupp ekonomiku tal-Kosovo. Id-Dikjarazzjoni ta' Tessaloniki ta' Ġunju 2003 kkonfermat li l-futur tal-Balkani tal-Punent, inkluż dak tal-Kosovo, huwa fl-Unjoni Ewropea.
2. Il-Kunsill Ewropew ikkunsidra li s-sitwazzjoni fil-Kosovo dieħla f'fażi kritika, hekk kif l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti qed tħejji biex tipproċedi għal eżami globali ta' l-implimentazzjoni tar-regoli, li jista' jwassal għall-ftuħ ta' negozjati dwar l-istatus futur tal-Kosovo.
3. Fir-rigward tar-regoli, il-Kunsill Ewropew laqa' r-rapport reċenti tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kosovo (UNMIK), u laqa' l-ħatra ta' l-Ambaxxatur Kai Ede bħala Mibgħut Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti inkarigat biex jipproċedi għal eżami globali tas-sitwazzjoni fil-Kosovo dan is-sajf.
4. Il-Kunsill Ewropew issottolinja li l-eżami globali kien għadu ma ġiex konkluż: l-implimentazzjoni tar-regoli, b'mod partikolari dawk li ġew identifikati bħala prijoritarji, u l-proċess ta' deċentralizzazzjoni għandhom importanza partikolari. Minbarra dan il-Kunsill Ewropew irrakkomanda lil dawk kollha responsabbli għall-implimentazzjoni tar-regoli, u b'mod partikolari lill-istituzzjonijiet proviżorji ta' amministrazzjoni awtonoma tal-Kosovo (PISG), biex iżidu l-isforzi tagħhom sabiex jaslu għal riżultati konkreti b'mod urġenti, b'mod partikolari fir-rigward tar-ritorn tar-refuġjati u tal-persuni mċaqilqa minn pajjiżhom u l-protezzjoni tal-komunitajiet kollha tal-Kosovo. Huwa għamel appell lill-mexxejja politiċi kollha, fi Pristina kif ukoll f'Belgrad, biex ma jxekklux dan il-proċess.

5. Il-Kunsill Ewropew fakkar li l-ftuħ tal-proċess li għandu jiddetermina l-istatus futur tal-Kosovo konformi mar-Riżoluzzjoni 1244 ta' l-UNSC ser jiddependi mill-konklużjoni pożittiva ta' l-eżami globali. Huwa fakkar li r-rispett għar-regoli huwa obbligu fundamentali u kontinwu li jagħmel parti integrali minn dan il-proċess. Mir-rispett u l-implimentazzjoni sħiħa tar-regoli ser tiddependi wkoll l-approssimazzjoni ma' l-UE, li għalhekk ser tkompli ssegwi dan il-proċess mill-qrib.
6. Il-Kunsill Ewropew jitlob b'mod solenni lill-partijiet biex juru l-volontà tajba tagħhom sabiex jaslu għal soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku. Huwa wera l-importanza li huwa jagħti lill-istabbiliment ta' djalogu kostruttiv u sostnut fil-livelli kollha bejn Belgrad u Pristina, kif ukoll bejn il-komunitajiet differenti tal-Kosovo. Huwa talab lill-awtoritajiet ta' Belgrad biex iħeġġu b'mod attiv lis-Serbi tal-Kosovo biex jieħdu posthom fl-istituzzjonijiet Kosovari sabiex hemm jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom.
7. Fir-rigward ta' l-istatus, il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid li kull soluzzjoni għall-Kosovo għandha tkun kompatibbli b'mod sħiħ mal-valuri u r-regoli Ewropej, konformi ma' l-istrumenti u l-obbligi legali internazzjonali kif ukoll mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u tikkontribwixxi għat-twettiq tal-perspettiva Ewropea tal-Kosovo u tar-reġjun. Fl-istess ħin, kwalunkwe status għandu jggarantixxi li l-Kosovo ma jerġax lura għas-sitwazzjoni ta' qabel Marzu 1999.
8. Il-Kunsill Ewropew iddikjara li d-determinazzjoni ta' l-istatus futur tal-Kosovo għandha tkun imsejsa fuq il-multi-etniċità, fuq ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt tar-refuġjati u l-persuni kollha mċaqilqa minn pajjiżhom li jirritornaw fid-djar tagħhom fis-sigurtà. Dan l-istatus għandu joffri garanziji kostituzzjonali effettivi biex tkun żgurata l-protezzjoni tal-minoranzi, inkluż mekkaniżmi li jiżguraw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-gvern ċentrali kif ukoll fl-istrutturi l-ġodda ta' amministrazzjoni lokali li għandhom jiġu stabbiliti. Huwa għandu jinkludi wkoll salvagwardji speċifiċi għall-protezzjoni tal-patrimonju kulturali u ta' siti reliġjużi u jippromwovi mekkaniżmi effikaċi tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u t-terroriżmu.

9. Il-Kunsill Ewropew iddikjara wkoll li d-determinazzjoni ta' l-istatus tal-Kosovo għandu jsaħħaħ is-sigurtà u l-istabbiltà tar-reġjun. Għaldaqstant, kwalunkwe soluzzjoni unilaterali jew li tirriżulta fl-użu tal-forza, kif ukoll kwalunkwe modifika għat-territorju attwali tal-Kosovo, ma jkunux aċċettabbli. Għalhekk m'hu ser ikun hemm l-ebda qsim tal-Kosovo f'partijiet, u lanqas l-unjoni tal-Kosovo ma' pajjiż ieħor jew parti minn pajjiż ieħor wara r-riżoluzzjoni ta' l-istatus tal-Kosovo. L-integrità territorjali tal-pajjiżi ġirien għandha tkun rispettata b'mod sħiħ. Minbarra dan, l-istatus għandu jggarantixxi li l-Kosovo jkun jista' jkompli jiżviluppa b'mod sostenibbli kemm fuq il-livell ekonomiku kif ukoll fuq dak politiku, u li ma jikkostitwixxix theddida militari jew ta' sigurtà għall-ġirien tiegħu.
10. Il-Kunsill Ewropew issottolinja li fil-futur il-Kosovo ser ikompli jeħtieġ preżenza internazzjonali ċivili u militari sabiex tkun żgurata s-sigurtà u b'mod partikolari l-protezzjoni tal-minoranzi, tkun mgħejjuna l-implimentazzjoni kontinwa tar-regoli u tkun eżerċitata sorveljanza xierqa tar-rispett tad-disposizzjonijiet li jinsabu fil-ftehim dwar l-istatus. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew issottolinja d-disponibbiltà ta' l-UE li tiegħu r-responsabbiltà kollha tagħha, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-imsieħba u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati.
11. Il-Kunsill Ewropew issottolinja li l-Unjoni Ewropea ser tkompli tikkontribwixxi għall-isforzi tal-komunità internazzjonali għall-Kosovo. Hija tinsab determinata li ssaħħaħ aktar l-azzjoni tagħha, b'mod partikolari fil-konsolidazzjoni ta' l-Istat tad-Dritt u ta' ambjent ekonomiku vijabbli, f'konformità mar-responsabbiltà partikolari li għandha għall-futur tar-reġjun, b'mod partikolari permezz ta' tkomplija attiva ta' l-aġenda ta' Tessaloniki, u li tinvolvi ruħha b'mod sħiħ fid-definizzjoni ta' l-istatus tal-Kosovo, li għandu jippermetti lil Belgrad u lil Pristina li jagħmlu progress fit-triq ta' l-integrazzjoni ewro-atlantika.

DIKJARAZZJONI DWAR IL-PROĊESS TA' PAĊI FIL-LVANT NOFSANI

1. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza strateġika globali li għandhom il-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fil-Mediterran. Huwa f'dan il-kuntest li għandu jiġi kkunsidrat l-impenn Ewropew favur ir-riżoluzzjoni tal-konflitt fil-Lvant Nofsani. L-Unjoni Ewropea hija riżoluta bis-saħħa li tkompli l-azzjoni tagħha bil-ħsieb li jinkiseb dan l-oġettiv.
2. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-iżviluppi pożittivi ta' dawn l-aħħar xhur. F'dan il-kuntest, it-transizzjoni tas-setgħa fi ħdan l-Awtorità Palestinjana b'rispett għall-istituzzjonijiet u fil-kalma, is-Summit ta' Sharm El Sheik kif ukoll it-tweġġ ta' l-irtirar minn Gaza u ta' ċerti partijiet tat-Tramuntana tax-Xatt tal-Punent ħolqu opportunità għal progress tanġibbli lejn ir-riżoluzzjoni tal-konflitt. Huwa kruċjali li l-partijiet għall-konflitt, kif ukoll il-komunità internazzjonali, iwettqu l-isforzi kollha biex dan il-kuntest jiġi sfruttat bl-ikbar mod u tiġi evitata żieda ġdida fil-vjolenza.
3. Il-Kunsill Ewropew ifakkar f'dan ir-rigward fl-importanza ta' l-applikazzjoni sħiħa mill-partijiet ta' l-obbligi li għandhom fil-kuntest ta' l-ewwel fażi tar-Roadmap. Din ir-Roadmap tipprevedi xi miżuri li għandhom jittieħdu b'mod parallel miż-żewġ naħat.
4. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li l-Awtorità Palestinjana tonora l-obbligi kollha li għandha fil-qasam tas-sigurtà, inklużi dawk aċċettati f'Sharm El Sheik, fejn il-partijiet kollha impenjaw ruħhom biex iwaqqfu kull att ta' vjolenza. L-Awtorità Palestinjana għandha, b'mod partikolari, turi d-determinazzjoni kollha tagħha biex tiġġieled it-terroriżmu u biex tkompli fl-organizzazzjoni mill-ġdid tas-servizzi ta' sigurtà kollha. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ lill-Awtorità Palestinjana biex tkompli l-proċess ta' riformi li bdiet, biex tintensifika l-konsolidazzjoni istituzzjonali u tiffissa mill-aktar fis possibbli data għall-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet leġislattivi, ħielsa u ġusti.

5. Il-Kunsill Ewropew sejjaħ lill-partijiet kollha biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru dawn l-elezzjonijiet fit-Territorji Palestinjani kollha, inkluż fil-Ġerusalem tal-Lvant.
6. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll il-ħtieġa ta' waqfa fl-attivitajiet ta' kolonizzazzjoni Iżraeljana fit-Territorji Palestinjani kollha. Din il-waqfa timplika l-waqfien totali ta' l-attivitajiet ta' kostruzzjoni ta' djar u ta' infrastrutturi ġodda bħat-toroq ta' *bypass*. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ ukoll għat-tneħħija ta' miżuri ta' thegħiġ finanzjarji u fiskali, ta' sussidji diretti u indiretti, u t-tħassir ta' l-istatuti ta' deroga, li minnhom il-kolonji u l-abitanti tagħhom jibbenefikaw. Il-Kunsill Ewropew ihegħeġ lill-Iżrael biex iżarma l-kolonji ta' stakkament. Il-politika ta' kolonizzazzjoni hija ta' ostakolu għal paċi u thedded li tagħmel fiżikament impossibbli kwalunkwe soluzzjoni bbażata fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati.
7. Il-Kunsill Ewropew, filwaqt li jirrikonoxxi d-dritt ta' l-Iżrael li jipproteġi ċ-ċittadini tiegħu kontra l-attentati, jibqa' mħasseb dwar it-tkomplija tal-kostruzzjoni ta' ħajt ta' separazzjoni fit-territorju Palestinjan okkupat, inkluż fil-Ġerusalem tal-Lvant u fl-inħawi ta' madwaru, kuntrarju għad-disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi internazzjonali.
8. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-kuraġġ politiku li l-mexxejja taż-żewġ naħat qed juru fir-rigward ta' l-irtirar minn Gaża u minn ċerti partijiet fit-Tramuntana tax-Xatt tal-Punent. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ lill-pajjiżi tar-reġjun biex jiffaċilitaw l-isforzi ta' l-Awtorità Palestinjana biex tistabbilixxi l-kontroll fuq it-territorju tagħha u biex jintensifikaw l-appoġġ politiku u ekonomiku. Huwa jissottolinja l-importanza tas-suċċess tad-disimpenn, inkluż għat-tkomplija tal-Proċess ta' Paċi. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-appoġġ ta' l-Unjoni Ewropea għar-Rappreżentant Speċjali tal-Kwartett għall-irtirar, is-Sur James Wolfensohn, u d-determinazzjoni tagħha li taħdem f'koordinazzjoni mill-qrib miegħu sabiex jiġi żgurat is-suċċess ta' dan il-proġett. Sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà soċjo-ekonomika ta' Gaza, il-Kunsill Ewropew issottolinja l-ħtieġa li jkun hemm aċċess għal barra, b'mod partikolari mill-fruntieri ma' l-Eġittu kif ukoll permezz ta' port u ajruport, u biex tiġi stabbilita konnessjoni effettiva max-Xatt tal-Punent.

9. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid f'dan il-kuntest li l-irtirar Iżraeljan irid isir fil-kwadru indikat mill-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2004, u b'mod partikolari jkun parti mill-proċess definit mir-*Roadmap*.
10. Il-Kunsill Ewropew jimpenja ruħu biex jintensifika l-ġhajjnuna tiegħu lill-Awtorità Palestinjana għat-tkomplija tal-konsolidazzjoni istituzzjonali.
11. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza li huwa jagħti lir-rispett mill-partijiet tal-liġi internazzjonali. B'mod partikolari, l-ebda parti m'għandha tiegħu miżuri unilaterali jew tippreġudika xi kwistjonijiet relatati ma' l-istatus finali. L-Unjoni Ewropea m'hi ser tagħraf l-ebda bidla tal-fruntieri ta' l-1967 għajr dawk li huma negozjati bejn il-partijiet. Soluzzjoni ġusta, dejjiema u globali tal-konflitt trid tkun ibbażata fuq ir-Riżoluzzjonijiet 242, 338 u 1515 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, it-termini ta' referenza tal-Konferenza ta' Madrid u l-prinċipju ta' skambju ta' territorju għall-paċi.
12. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-partijiet biex jimxu 'l quddiem b'mod riżolut fl-implimentazzjoni tar-*Roadmap* abbażi ta' dawn il-prinċipji. Huwa jimpenja ruħu biex jgħin lill-Iżraeljani u lill-Palestinjani biex jagħmlu progress fil-Proċess ta' Paċi u biex jilhqqu l-oġettiv tal-koeżistenza ta' żewġ Stati bil-ħolqien ta' Stat Palestinjan indipendenti, demokratiku, kontinwu u vijabbli, li jgħix ma' ġenb l-Iżrael u l-ġirien l-oħra tiegħu fil-paċi u s-sigurtà. L-Unjoni Ewropea ma tara l-ebda triq oħra kif timpenja ruħha.
13. Il-Kunsill Ewropew jerġa' jafferma li paċi ġusta, dejjiema u globali għandha tirrispondi għall-aspirazzjonijiet leġittimi tal-poplu Iżraeljan u dak Palestinjan u tinkludi lil-Libanu u s-Sirja. Huwa jsejjaħ għal żieda fl-isforzi sabiex isir progress fil-partijiet kollha tal-Proċess ta' Paċi.
14. L-Unjoni Ewropea ser tkompli topponi lil dawk kollha li jirrikorru għall-vjolenza u tappoġġa lil dawk li jiċħdu l-vjolenza u jaspiraw għall-paċi u s-sigurtà għall-kostruzzjoni ta' futur aħjar għar-reġjun.

DIKJARAZZJONI DWAR IL-LIBANU

1. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota ta' l-irtirar tal-forzi militari Sirjani mil-Libanu u tar-ritorn imminenti fit-territorju tat-tim ta' verifika tan-Nazzjonijiet Uniti. Huwa jafferma mill-ġdid l-importanza li jagħti lis-sovranità, l-integrità territorjali, l-għaqda u l-indipendenza politika tal-Libanu u jtenni t-talba tiegħu għal implimentazzjoni sħiħa tar-Risoluzzjoni 1559 tal-Kunsill tas-Sigurtà. F'dan il-kuntest, huwa jġedded l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-missjoni tas-Sur Terje Roed-Larsen.
2. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-iżvolġiment tajjeb, s'issa, ta' l-elezzjonijiet legiſlattivi Libaniżi li jwieġbu għar-rieda ta' indipendenza espressa mill-poplu Libaniż. Huwa jistenna b'interess ir-rapport ġenerali li ser jiġi mfassal mill-missjoni ta' osservazzjoni elettorali ta' l-Unjoni Ewropea wara l-elezzjonijiet.
3. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-attentati u l-assassinji politiċi reċenti u l-effett destabilizzanti tagħhom, u jitlob li min wettaqhom jitressaq quddiem il-ġustizzja malajr kemm jista' jkun.
4. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-Kummissjoni indipendenti ta' investigazzjoni internazzjonali dwar l-assassinju ta' Rafic Hariri, stabbilita f'konformità mar-Risoluzzjoni 1595 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Huwa jġedded l-appell tiegħu lill-awtoritajiet Libaniżi sabiex dawn ikomplu jiżguraw l-appoġġ kollu tagħhom għall-Kummissjoni ta' investigazzjoni internazzjonali u jesprimi x-xewqa li din tkun tista' twettaq il-ħidma tagħha malajr.